

## IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Ottubru 2020 – Laboratorios Ern vs EUIPO – SBS Bilimsel Bio Çözümler (apiheal)**

(Kawża T-51/19) <sup>(1)</sup>

*(Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva apiheal – Trade mark nazzjonali verbali preċedenti APIRETAL – Raġunijiet relattivi għal rifjut – Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni – Nuqqas ta' xebh tal-prodotti u tas-servizzi – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Assenza ta' ħsara għar-reputazzjoni – Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament 2017/1001))*

(2020/C 423/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrenti: Laboratorios Ern, SA (Barcelone, Spanja) (rappreżentant: S. Correa Rodríguez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Palmero Cabezas u H. O'Neill, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: SBS Bilimsel Bio Çözümler Sanayi Ve Ticaret AŞ (Istanbul, it-Turkija) (rappreżentant: M. López Camba, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Novembru 2018 (Każ R 1725/2017-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Laboratorios Ern u SBS Bilimsel Bio Çözümler Sanayi Ve Ticaret

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Laboratorios Ern, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 103, 18.3.2019.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 5 ta' Ottubru 2020 – SBS Bilimsel Bio Çözümler vs EUIPO – Laboratorios Ern (apiheal)**

(Kawża T-53/19) <sup>(1)</sup>

*(Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva apiheal – Trade mark nazzjonali verbali preċedenti APIRETAL – Raġuni relattiva għal rifjut – Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni – Assenza ta' xebh tas-sinjali – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001))*

(2020/C 423/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrenti: SBS Bilimsel Bio Çözümler Sanayi Ve Ticaret AŞ (Istanbul, it-Turkija) (rappreżentant: M. López Camba, avukat)